MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 362/1995/2

**Carmelo Farrugia u Beatrice Farrugia**

**v.**

**Il-Kummissarju ta' l-Art u Anthony Cassar fil-kwalita` tieghu ta' Director u in rapprezentanza ta' Lowenbrau Malta Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**
**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Marzu 1995, l-atturi ppremettew illi huma kienu ilhom ghal zmien twil jokkupaw u jahdmu r-raba proprjeta` tal-Gvern, maghruf bhala ta' l-*Istabal*, f'Hal Qormi, fejn illum hemm il-fabbrika tal-birra Lowenbrau, u dan bi ftehim mal-Gvern;
Ippremettew ukoll illi fil-bidu ta' Dicembru 1990, il-konvenut nomine Anthony Cassar, minghajr preavviz, qabad u dahal fir-raba mahdum mill-attur, u bix-xogholijiet li ghamel, huwa qered ix-xoghol kollu li l-attur kien ghamel fl-istess raba, u l-ucuh li kellu fir-raba, u l-benefikati li l-attur kien ghamel fir-raba msemmi, u hesrem ittermina l-okkupazzjoni ta' l-attur tar-raba msemmi u l-mezz ta' l-ghixien ta' l-atturi u tal-familja taghhom;

Ippremettew illi l-konvenut Kummissarju ta' l-Art naqas mill-obbligu li huwa kellu versu l-attur derivanti mill-okkupazzjoni miftehma tar-raba msemmi;

L-atturi talbu li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni kollha u ghall-hsarat kollha li huma garrbu meta l-konvenuti ftehmu li s-socjeta` konvenuta f'Dicembru, 1990 taqbad u tidhol fir-raba ta' l-Istabal, Hal-Qormi, legalment okkupat u mahdum mill-attur, u li bix-xogholijiet li saru, inqerdu ghal kollox l-ucuh, il-benefikati, ix-xoghol kollu ta' l-attur li kien ghamel fl-istess raba, u l-mezz ta' ghixien ta' l-atturi, u li l-Qorti tillikwida d-danni kollha kkawzati lill-atturi, b'konsegwenza tal-ftehim tal-konvenut nomine u ta' l-agir tas-socjeta` Lowenbrau Limited fir-rigward tar-raba okkupat u mahdum mill-attur, u tikkundanna lill-konvenuti fil-kwalitajiet taghhom premessi jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati, bl-imghaxijiet legali, u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar, 1995.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET</u>**

2. Il-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet eccepixxa:
(1) Illi t-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni hawnhekk hija wahda inutili stante li l-eccipjent kien accetta li jhallas lill-atturi l-ammont ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000) in linea ta' danni mitluba mill-atturi permezz ta' att gudizzjarju;

(2) Illi, ghalhekk, jidher car li l-atturi intavolaw il-kawza odjerna frivolozament u vessatorjament;

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-likwidazzjoni tad-danni ghandha tkun attinenti ghall-mument ta' meta l-atturi ppretendew il-hlas ta' dawk id-danni li qatt ma jistghu jissuperaw dak l-ammont li l-atturi kienu qed jippretendu, u li l-eccipjenti dejjem kien u ghadu dispost li jhallas;

(4) Illi l-eccipjenti, fid-dawl ta' dan kollu, ma ghandu jbati ebda spejjez;

**L-ECCEZZJONIJIET TA' ANTHONY CASSAR NOMINE**

3. Il-konvenut l-iehor Anthony Cassar nomine eccepixxa:

(1) Illi, preliminarjament, is-socjeta` konvenuta mhijiex citata tajjeb; l-isem korrett hu Lowenbrau Malta Ltd;

(2) Illi, preliminarjament ukoll, l-eccipjent Anthony Cassar mhuwiex Managing Director tas-socjeta` Lowenbrau Malta Ltd izda direttur;

(3) Illi, preliminarjament ukoll, din il-kawza ghandha l-istess oggett ghal kawza ohra bejn il-partijiet *"Carmelo Farrugia v. Anthony Cassar fil-kwalita` tieghu ta' Managing Director u in rapprezentanza ta' Lowenbrau Ltd u b'digriet tal-11 ta' Jannar 1993, gie kjamat in kawza l-Kummissajru ta' l-Art*" (Cit. Nru 552/92 JDC) illum pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u ghalhekk japplika l-Art. 792 tal-Kap. 12;

(4) Illi fil-mertu l-konvenut nomine ma ghandu ebda responsabbilita` lejn l-attur u ma kkawzalu ebda danni;

**IS-SENTENZA ANTECEDENTI**

4. Permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-16 ta' Novembru 1994, f'kawza bejn l-istess partijiet (*Cit. Nru. 552/92*) dik il-Qorti kienet sabet illi ghad li l-atturi ma

kellhom ebda qbiela jew kirja fuq l-art agrikola in kwistjoni huma kellhom titolu ta' kommodat illi kien jigi mgedded tacitament kull ciklu stagjonali ta' koltivazzjoni agrarja, u li ghalhekk meta l-atturi gew zgumbrati f'Novembru 1990, mis-socjeta` konvenuta "*ma kienx lahaq ghadda t-terminu ghat-terminazzjoni tal-kommodat illi l-attur kien intitolat li jgawdi*".

**<u>IS-SENTENZA ULTERJURI DWAR IR-RESPONSABBILITA` TA' L-APPELLANT</u>**

5. Permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' April 1997, il-Kummissarju ta' l-Artijiet kien instab unikament responsabbli ghad-danni, ad eskluzjoni tas-socjeta` konvenuta, fuq appell limitat ghall-kwistjoni tar-responsabbilita` li kien gie intavolat mill-istess socjeta`.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

6. Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Gunju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet din il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet u laqghet it-talbiet ta' l-attur, u kkundannat lill-istess Kummissarju jhallas lill-attur in linea ta' danni s-somma kumplessiva ta' sitta u hamsin elf, disa' mija u hamsa u tletin lira Maltin (LM56,935), minnha likwidata, bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza, u billi cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Lowenbrau Malta Limited. Hija ddecidiet ukoll illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-Kummissarju ta' l-Art [<u>recte</u>: l-Artijiet], hlief ghall-ispejjez tas-socjeta` konvenuta Lowenbrau Malta Limited li ghandhom jithallsu nofs mill-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet u nofs mill-attur, u dan peress illi wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' April 1997, fuq indikata, din il-kawza ma kellhiex tithalla titkompla kontra s-socjeta` Lowenbrau Malta Limited.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET</u>**

7. Il-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti

Civili tas-27 ta’ Gunju 2002, u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din l-Qorti fuq l-aggravji li gejjin:

(1) Illi la darba l-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tas-16 ta’ Novembru 1994 u, il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta’ April 1997, iddecidew u kkonfermaw rispettivament, illi bejn l-appellant u l-atturi kienet tezisti relazzjoni ta’ kommodat, l-ewwel Qorti ma setghetx legalment taccetta dak li ssottomettielha l-Perit Agrikolu fis-sens illi l-kumpens ghat-terminazzjoni tal-kommodat kellu jinhadem abbazi tal-kumpens li taghti l-Ligi dwar il-Qbiela tar-Raba (Kap. 199) f’kaz ta’ zgumbrament wara terminazzjoni ta’ qbiela.

Huwa car illi l-Perit Agrikolu ma kellu ebda vires illi jissuggerixxi lill-Qorti illi fil-kalkolu tal-kumpens il-Qorti kellha tiskarta l-ligi dwar il-kommodat (Kap. 16) u minflok tapplika ligi dwar kuntratt iehor.

Daqstant iehor l-ewwel Qorti ma kienet tgawdi ebda diskrezzjoni wara s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell illi titratta din il-kwistjoni daqs li kieku r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta’ kirja u mhux ta’ kommodat.

(2) Illi l-applikazzjoni tal-ligi dwar il-qbiela f’kaz ta’ kommodat hija zbaljata ghas-segwenti motivi:

(i) Illi l-kommodat huwa kuntratt essenzjalment gratuitu filwaqt
illi l-kirja u l-qbiela huma kuntratti essenzjalment oneruzi. Fil-fatt il-ligi taghna la tirrikonoxxi l-kirja gratuita u lanqas ma tirrikonoxxi l-kommodat oneruz. Ghaldaqstant in-natura fattwali u guridika taz-zewg kuntratti hija differenti u ma jistghux japplikaw ghalihom l-istess konsiderazzjonijiet jew kriterji dwar kumpens dwar terminazzjoni.

(ii) Il-ligi stess tiddistingwi b’mod esplicitu bejn il-kommodat u l-kirja fl-Artikolu 1838 tal-Kodici Civili li implicitament jasserixxi d-distinzjoni bejn il-gratuita` tal-kommodat u l-onerozita` tal-‘locatio’.

(iii) In vista tal-grauita` tal-kommodat, il-ligi stess fl-Artikoli 1833 u 1835(2) tirregola esplicitament il-pretensjonijiet tal-

kommodatarju kif ukoll x'danni huwa intitolat ghalihom il-kommodatarju f'kaz illi l-kommodat jintemm qabel iz-zmien li jkun gie espressament jew tacitament miftiehem. Fil-fatt skond l-Artikolu 1835(2) "*il-Qorti tista' skond ic-cirkostanzi, iggieghel lill-kommodatarju li jroddha, taht l-obbligu tal-kommodant li jhallas ta' l-ispejjez li huwa jkun ghamel sabiex jinqeda' biha*". Dan ifisser illi l-kommodatarju, ukoll in vista tan-natura gratuita` tal-kuntratt, ghandu biss id-dritt illi jigbor minghand il-kommodant l-ispejjez li jkun attwalment ghamel fl-aspettattiva illi huwa kien se juza l-oggett ghaz-zmien kollu tal-kommodat. Fil-kaz odjern dak iz-zmien kien il-kumplament tac-ciklu agrikolu li kien jaghlaq fil-15 ta' Awissu 1991, meta fil-fatt il-kommodatarju kien gie zgumbrat wara avviz tas-6 ta' Novembru 1990 esegwit fit-18 ta' Dicembru, 1990.

(iv) Illi huwa car illi filwaqt illi l-kirja hija kuntratt illi minnu s-sid jiehu profitt, il-kommodat huwa essezjalment kuntratt applikabbli fl-ambitu familjari fejn is-sid ihalli lill-kommodatarju juza l-haga b'xejn.

(3) Illi l-provi li l-Qorti kellha quddiemha ma kienux jiggustifikaw id-decizjoni. Il-Qorti f'dan il-kaz qaghdet fuq dak illi kkalkola l-Perit Agrikolu (u xi ftit il-Perit Tekniku) li kien ibbazat fuq dak li xehdu l-atturi minghajr ma ngiebet ebda prova dokumentarja ta' ammonti kbar ta' kummerc allegat. Fil-fatt minkejja illi anke l-Perit Agrikolu stess irrimarka illi s-somma ta' tlett mitt lira fil-gimgha illi l-atturi kienu xehdu illi kienu jaqilghu mill-art in kwistjoni kienet tidher gholja huwa xorta wahda accettaha u kull ma ghamel kien illi zied xi ftit il-kalkolu ta' l-ispejjez tal-koltivazzjoni wara li b'mod car ma emminx illi l-ispejjez minimi allegati mill-atturi kienu realsitici.

Illi abbazi ta' dawn it-tip ta' provi ma kienx gustifikat illi l-ewwel Qorti tilqa' l-likwidazzjoni tal-Perit Agrikolu li kienet kemm legalment kif ukoll fattwalment minghajr bazi.

Fil-fatt il-Perit Agrikolu mkien fir-relazzjoni ma dahal fid-dettal dwar x'kien jitkabbar fl-ghalqa in kwistjoni, dwar jekk din kinitx saqwi, dwar kemm l-atturi kienu jiddikjaraw

qliegh mill-ghalqa ma’ l-awtoritajiet fiskali, dwar jekk l-atturi kienux izommu kotba tan-negozju taghhom u, fost affarijiet ohra, dwar jekk huma kinux iqisu x-xoghol taghhom bhala spejjez fil-kalkolu tal-profitti esorbitanti li huma kienu qeghdin jallegaw. Illi l-appellant jissottometti illi dawn il-karenzi kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex tirrimanda l-process quddiem il-Periti sabiex dawn jespletaw l-inkarigu taghhom kif trid il-ligi u mhux illi tghaddi ghas-sentenza fuq tali rapport.

Illi huwa car illi s-sentenza appellata hija frott tal-fatt illi l-ewwel Qorti giet sgwidata mill-atturi dwar l-entita` tad-danni in kwistjoni. Fil-fatt huwa rilevanti illi fl-atti tal-Qorti stess hemm zewg atti gudizzjarji (ittra ufficjali tat-23 ta’ Novembru 1990, u protest gudizzjarju tal-20 ta’ Dicembru 1990 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili u illi l-appellant qieghed jesebixxi flimkien ma’ dan ir-rikors ta’ appell), fejn jirrizulta illi l-ammont ta’ kumpens mitlub kien ta’ cirka elf u hames mitt lira (Lm1500). Illi l-appellant jissottometti illi n-nuqqas ta’ l-ewwel Qorti illi tezamina l-provi sewwa u illi tapplika l-ligi dwar il-kommodat (li minflokha giet applikata l-ligi tal-Qbiela li hija wkoll, del resto kompetenza tal-Bord tal-Qbiela u mhux tal-Qrati ordinarji), iggib in-nullita` tas-sentenza.

Ghaldaqstant l-appellant, filwaqt illi jirreferi ghall-provi prodotti u illi jirrizerva illi jgib dawk il-provi l-ohra permessi skond il-ligi, jitlob bir-rispett illi dina l-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok terga’ tibghat il-process quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex tinstema’ u tigi deciza skond il-ligi u skond is-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc tas-16 ta’ Novembru 1994, u tal-Qorti ta’ l-Appell tal-14 ta’ April 1997, u subordinatament, f’kaz li din il-Qorti jidhrilha illi ma ghandhiex tannulla s-sentenza appellata, thassar u tirrevoka l-istess sentenza u tichad it-talbiet ta’ l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

8. Essenzjalment l-aggravju ta’ l-appellant Kummissarju ta’ l-Artijiet huwa dak li l-perit agrikolu nominat mill-Qorti

ma kellu ebda "vires" li jissuggerixxi lill-Qorti illi fil-kalkolu tal-kumpens il-Qorti kellha tiskarta l-ligi dwar il-kommodat (Kap. 16) u, minflok, tapplika ligi dwar kuntratt divers. Daqstant iehor l-ewwel Qorti ma kinitx intitolata li taqbad u timxi, kwantu ghar-rapport ezistenti bejn il-kontendenti, daqs li kieku hawn si trattava ta' terminazzjoni ta' kirja – meta ma kienx dan il-kaz. L-istess appellant jissottometti li l-ewwel Qorti messha ghalhekk applikat il-ligi dwar kommodat u in kwantu dik il-Qorti applikat il-ligi dwar qbiela, lanqas biss kellha kompetenza – dan igib in-nullita` tas-sentenza appellata. Dwar il-quantum tad-danni likwidati, dan kien wiehed sproporzjonat u kien biss frott tal-fatt illi l-ewwel Qorti giet zgwidata mill-atturi dwar l-entita` tad-danni in kwistjoni.

9. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li din il-kawza kienet ikkaratterizzata minn lakuni kbar attribwibbli kemm lill-partijiet, u xejn anqas fosthom l-istess appellant, kif ukoll ghal certa leggerezza da parti tal-perit agrikolu fil-mod kif dana wasal ghal-likwidazzjoni tieghu dwar it-talba ghad-danni.

Hekk jirrizulta li, wara hafna dewmien ghal fini ta' prezentata tar-rapport minhabba nuqqas ta' ko-operazzjoni min-naha tal-partijiet, dan ir-rapport, redatt minn perit legali u iehor agrikolu, sa fl-ahhar gie ipprezentat. Haga ta' l-iskantament hi li l-perit tekniku jidher li strah biss fuq id-deposizzjoni ta' l-attur Carmelo Farrugia u ta' martu, jigifieri minghajr ebda provi ohra in sostenn, u spicca biex illikwida l-ammont ta' LM56,035, ikkalkolat principalment fuq l-asserzjoni li l-attur kien jaqla' medja ta' LM300 netti fil-gimgha li l-istess perit jikkwalifika bhala li "tidher daqsxejn gholja".

10. Din il-Qorti tinsab ukoll sorpriza bil-fatt li d-deposizzjoni ta' l-attur qajla giet ikkontestata mill-kontroparti konvenuta, u l-istess jinghad fil-konfront tar-relazzjoni gudizzjarja. Il-ligi tal-procedura taghna telenka ghadd ta' metodi kif parti aggravata tista' tikkontesta relazzjoni – bhal, per ezempju, per via ta' eskussjoni, nota ta' kritika jew talba ghal perizja perizjuri. Minn dawn il-proceduri, l-appellant Kummissarju ta' l-Artijiet ghazel li

<u>ma juzufruwixxi ruhu minn ebda wahda minnhom</u> u ghalhekk huwa ferm inutili u bla sens li issa, f'dana l-istadju ta' appell, l-istess appellant jipprova jaghmel tajjeb ghal dawn in-nuqqasijiet lampanti tieghu quddiem l-ewwel Qorti u jittanta jipprova l-kaz tieghu permezz ta' provi li setghu facilment saru jew tressqu fl-ewwel istanza.

11. Maghdud is-suespost u wara li kkunsidrat sew u mill-gdid il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti hija xorta wahda tal-fehma li hemm lok ghal riforma <u>in parte</u> tas-sentenza appellata ghar-ragunijiet li sejrin jinghataw.

Fl-ewwel lok, u kif tajjeb gie sottomess mill-appellant, darba li l-ewwel Qorti kienet giet formalment diretta, u dan in forza ta' sentenza antecedenti moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' April 1997 (Citazzjoni Numru 552/92) fis-sens li l-attur kien igawdi titolu ta' kommodat fuq l-art in kwistjoni, id-decizjoni taghha li, ghal fini ta' likwidazzjoni ta' danni hija hadet, <u>ex admissis</u>, “analogija mil-ligi tal-qbiela (Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta”, kienet ghal kollox wahda erroneja  Dan qed jinghad ghaliex ghandu jkun ferm ovvju li, minn punto di vista ta' dritt, il-kumpens ta' xi hadd li gie zgumbrat meta jippossjedi raba b'titolu ta' qbiela, huwa hafna izjed f'posizzjoni soda minn gabillott li qabad u impossessa ruhu minn raba ta' Gvern u akkwista biss titlu ta' kommodat fuqu.  Lanqas ma din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti meta dehrilha li hu “kriterju tajjeb” dak li tikkwantifika kemm il-bidwi in kwistjoni (fil-kaz odjern l-atturi appellati) jiddikjara li kien idahhal f'sena u timmoltiplikalu l-istess dhul fuq perijodu ta' erba' (4) snin in linea ta' danni.  Din il-Qorti tapprezza d-diffikulta` li rriskontrat l-ewwel Qorti biex “torbot”, ossija tibbaza, il-likwidazzjoni tal-<u>quantum</u> tad-danni ma' xi haga konkreta imma, certament, l-“analogija” li hija kkontemplat u bbazat ruhha fuqha ma kenitx wahda li legalment tregi.  Kif wara kollox, u gustament fil-fehma ta' din il-Qorti, gie sottomess mill-appellant, il-kommodat huwa kuntratt essenzjalment gratuwitu, filwaqt li lokazzjoni ta' haga jew qbiela ta' raba huma kuntratti essenzjalment oneruzi.

12. Il-ligi taghna fil-fatt tipprovdi x'ghandu jigri f'kazi simili ghal dawk li taw lok ghall-vertenza in ezami. Di fatti l-Artikolu 1835(2) tal-Kap. 16, riferibbilment ghar-radd tal-haga lill-kommodant qabel iz-zmien, jispecifika li gej,
"Izda, jekk matul iz-zmien miftiehem jew qabel ma jkun spicca l-bzonn tal-kommodatarju, jinqala' lill-kommodant il-bzonn bil-ghagla u bla hsieb, tal-haga, il-qorti tista' skond ic-cirkostanzi, iggieghel lill-kommodatarju li jroddha, taht l-obbligu tal-kommodant li jhallsu ta' l-ispejjez li huwa jkun ghamel sabiex jinqeda biha."

Fi kliem iehor ma jissemmew imkien rimborz ta' spejjez ohrajn jew indennizz ta' danni. Ghalhekk il-Qorti ma tifhimx ir-raguni l-ghala l-ewwel Qorti hasset il-htiega li tigbed analogija mil-"ligijiet dwar qbiela" u tapplikahom ghal dan il-kaz. Min-naha l-ohra pero`, trattandosi hawn ta' azzjoni ta' danni, din il-Qorti ma tistax lanqas tiskarta ghal kollox il-fatt li l-appellant, filwaqt li kien konsapevoli ta' kif l-attur u l-familja tieghu, kien ghal zmien twil jahdem u jaqla' l-ghixien tieghu mix-xoghol tar-raba <u>de quo</u>, iddecieda li b'mod brusk jizgombra lill-appellati b'dan li qered ukoll l-ucuh li dawn kellhom fir-raba u tellifhom habta u sabta mill-qliegh li huma kienu sejrin jippercepixxu minn dak il-prodott mizrugh. Ghalhekk din il-Qorti, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jidhrilha li b'sens ta' gustizzja, ma' l-ammont imsemmi espressament fil-ligi, trid tizdied ukoll konsiderazzjoni xierqa ghal danni attwali kkaggjonati bl-agir dirett min-naha ta' l-appellant fil-konfront ta' l-atturi.

13. Dwar il-<u>quantum</u>, huwa veru li l-konvenut appellant halla proprju sal-mument li din il-kawza tigi appellata biex juri kif, wara kollox, anki l-istess appellat Carmel Farrugia ma pretendiex aktar mis-somma ta' LM1,500 cirka "bhala kumpens tal-benefikati u kumpens ta' l-apparat minnu mixtri biex tinhadem l-ghalqa fil-Marsa" – ara Dok CSDI u CSD2, a fol. 93 u 94 tal-process – imma din il-Qorti lanqas tista' fic-cirkostanzi taghlaq ghajnejha ghal din il-prova. Dan hu hekk ukoll ghar-raguni li l-konvenut appellant <u>gia` kien ghamel accenn fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu</u> dwar il-pretensjoni originali da parti ta' l-attur. Fil-fatt dak li induca lill-ewwel Qorti li tiskarta tali asserzjoni kien gej

minhabba li, kif gia` gie rilevat minn din il-Qorti, l-appellant kien tabilhaqq negligenti u lakoniku fil-mod kif ikkonduca d-difiza tieghu in sostenn ta’ dak li hu stess eccepixxa.

14. Konsidrat is-suespost, din il-Qorti jidhrilha li l-aggravju fir-rigward tad-danni min-naha ta’ l-appellant ghandu jigi in parti akkolt, tenut kont anke tal-fatt li l-likwidazzjoni kondotta mill-ewwel Qorti mhijiex wahda bazata sew legalment u jinhtegilha ghalhekk li tigi ridimensjonata kif jixraq.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tasal ghal-likwidazzjoni <u>arbitrio boni viri</u> u sejra tillikwida somma li fil-fehma taghha tirrispetta b’mod gust u adegwat il-pretensjoni attrici, u dan naturalment in sostituzzjoni tas-somma li llikwidat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Din il-Qorti fl-ewwel lok qeghda taccetta bhala dovut dak il-kumpens li l-ewwel Qorti llikwidat kwantu ghall-benefikati maghmulin mill-appellati rapprezentanti l-valur tal-kanali ta’ l-ilma skond l-istima tal-perit arkitett nominat mill-Qorti, u cioe` fl-ammont ta’ disa’ mitt lira Maltin (LM900). Fit-tieni lok, imbaghad, sejra tiehu, bhala bazi, l-ammont ta’ LM1,200 fix-xahar li l-appellati jghidu li kienu jippercepixxu bhala qliegh mensili minn hidmiethom, bid-differenza pero` li, minflok ma tapplika “multiplier” mifrux fuq erba’ snin – li huwa wiehed ghal kollox sproporzjonat u manifestament eccessiv – hija sejra taddotta iehor ikkalkolat fuq durata ta’ sitt (6) xhur. Dan mela jfisser li l-appellant irid ihallas lill-appellati l-ammont ta’ LM1,200 X 6 = LM7,200 li maghdud mas-somma l-ohra ta’ LM900, igib it-total ta’ LM8,100 (tmint elef u mitt lira Maltin) in linea ta’ kumpens per saldu.

15. L-aggravju addizzjonali min-naha ta’ l-appellant dwar il-possibilita` tan-nullita` tas-sentenza appellata in kwantu l-ewwel Qorti applikat “il-ligi tal-qbiela” u allura l-kompetenza kienet tispetta lill-Bord tal-Qbiela u mhux lill-Qrati ordinarji huwa wieghed fieragh u manifestament infondat. Bil-fatt biss li l-ewwel Qorti, imqar jekk zbaljatament, ippruvat tislet “analogija” minn dak li jsehh u jirregola taht regim jew titolu divers fuq raba biex b’xi mod

tasal ghal likwidazzjoni ta’ danni, ma jfissirx b’daqshekk li dik il-Qorti biddlet in-natura tal-kawza minn wahda ta’ azzjoni ta’ danni civili ghal ohra regolata mil-ligijiet dwar qbiela.  Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ in parte l-appell tal-konvenut appellant, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonferma dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddikjarat lill-istess konvenut appellant (ossia lill-Kummissarju ta’ l-Art/Artijiet) bhala responsabbli u passibli ghall-hlas ta’ danni fil-konfront ta’ l-atturi appellati, u tirriforma l-quantum tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti billi tirriduci l-ammont originarjament likwidat ghall-ammont inferjuri fis-somma ta’ tmint elef u mitt lira Maltin (LM8,100) per saldu tal-pretensjoni attrici, u b’dan li l-ispejjez kollha gudizzjarji (inkluzi ghalhekk dawk tas-socjeta` Lowenbrau Malta Limited) relativi ghaz-zewg istanzi, jigu sopportati kwantu ghal terza parti (1/3) mill-atturi appellati u r-rimanenti zewg terzi (2/3) mill-konvenut appellant Kummissarju ta’ l-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------